MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 294/2014

**GO plc (C22334)**

**Vs**

**Alexander D'Agata (K.I.639562M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hamsin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€250.44c), in konnessjoni ma' servizz ta' telefonija 21411820 (AC40000844).

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2875/2013, u bl-imghaxijiet legali sa mill-25 ta' Novembru, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

It-Tribunal ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz:

Dok A – Prospett

Dok B – Kuntratt

Dok C - Estratt Registru Elettorali

Dok D – Ittra Ufficjali 2875/13

Ra n-nota esebieta nhar il-11 ta' Gunju, 2014 minn naha tas-socjeta' attrici li biha nfurmat lit-Tribunal li fil-mori tal-kawza gie mhallas l-ammont ta' mitejn u tmenin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€280.71).

Illi a bazi tal-premess is-socjeta’ esponenti qed iccedi l-kawza fir-rigward tas-sorte.

Illi fl-istess waqt hija qed izomm ferm il-kap tal-ispejjez fir-rigward ta’ din il-kawza u tal-ittra ufficjali 2875/13 b’dan illi mit-total rizultanti ghandhom jitnaqsu l-ammont ta’ tletin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€30.27) bhala bilanc rimanenti mill-ammont imhallas skont kif aktar il’fuq imsemmi.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-16 ta’ Gunju, 2014 mill-Avukat Dr Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba fir-rigward tal-ispejjez hekk kif mitluba fl-avviz.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------